**26 ta' Frar, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Pro. A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

John Falzon ne.

*versus*

Silvio Mifsud ne.

**Noleġġ — Danni — Każ Fortuwitu — Prova — Art. 380 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Jekk il-bastiment noleġġjat ma jkunx lest biex jgħabbi l-merkanzija fiż-żmien miftiehem, in-noleġġjant jirrispondi lejn in-noleġġjatur għad-danni u l-imgħaxijiet.*

*Jekk in-noleġġjant jinvoka l-każ fortuwitu bħala motiv ta' eżenzjoni tiegħu mir-responsabbiltà għad-danni dovuti minħabba ritard fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt tan-noleġġ, l-onere tal-prova tal-każ fortuwitu hu mixħut fuqu.*

*L-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni, li għandha l-effikaċja li tillibera mid-danni minħabba inadempjenza tal-obligazzjoni, ma hix, per regola, dik relattiva ossija subbjettiva, imma dik assoluta.*

*Il-fatt tat-terz, per regola, jista' jkollu effikaċja liberatorja mir-responsabbiltà bħala forza maġġuri meta t-terz ma jkollu ebda relazzjoni mad-debitur tal-obligazzjoni; u l-kawża tal-inadempjenza ma teżonerax minħabba l-fatt biss li tkun tikkonsisti fil-fatt tat-terz, imma d-debitur tal-obligazzjoni jibqa' responsabbli tal-fatt kolpuż tal-persuni li bihom hu jinqeda biex jadempixxi l-obligazzjoni tiegħu.*

*Anzi jekk l-obligat jassumi l-obligazzjoni meta kien jaf li l-eżekuzzjoni tagħha kienet tiddependi mill-fatt tat-terz, mingħajr ma jistipula ebda klawsola ta' eżoneru, fil-fatt hu jkun qiegħed iwiegħed il-fatt tiegħu, u mhux il-fatt tat-terz; għax assuma obligazzjoni li tabilfors kienet tikkom-*

*prendi l-fatt tat-terz. u l-każ fortuwitu jeżonera mill-inadempjenza tal-obligazzjoni biss meta l-obligat ma jkunx poġġa ruħu volontarjament u xjentement fil-pożizzjoni li jkollu jissubixxi l-influwenza tal-fatt tat-terz.*

*Fl-aħħarnett, hu komunement aċċettat li l-fortuwitu, bħala fatt liberatorju, għandu jkun sopraġġunt, u mhux fatt li kien prevedibbli fil-mument tal-kuntratt.*

*U allura n-noleġġjant, li assuma li jeżegwixxi n-noleġġ per mezz ta' bastiment li kien qiegħed jissewwa f'data determinata, għandu jirrispondi għad-danni u l-imgħaxijiet lejn in-noleġġjatur, jekk huwa jeżegwixxi n-noleġġ wara ż-żmien stipulat minħabba li l-bastiment ma kienx lest fil-waqt li jkun jista' jeżegwixxi t-trasport f'ż-żmien stabbilit.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi fit-18 ta' Settembru 1952 hu ffirma kuntratt ta' noleġġ mad-ditta konvenuta in rappreżentanza tal-proprjetarji tal-bastiment fuq imsemmi għat-trasport ta' karigu komplet ta' barrin minn Trieste għal Malta fuq l-istess bastiment, li kellu jkun lest għall-karikazzjoni fil-port ta' Trieste mhux aktar tard mill-5 ta' Ottubru 1952; u illi fil-fatt il-bastiment ma kienx lest għall-karikazzjoni qabel l-14 ta' Ottubru 1952; u li minħabba dak ir-ritard hu (l-attur nomine) sofra danni konsistenti fil-manteniment u kura tal-barrin, ħlas ta' "guardacarne", telf fil-piż tal-istess barrin, u differenza fil-valur tas-suq, kif ukoll danni oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talab illi l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli tad-danni kollha fuq riferiti minħabba l-inadempiment tal-obligu fuq imsemmi assunt mill-armatur; liema danni jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju jew f'ieħor separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-20 ta' Ottubru 1952 u tal-mandat ta' sekwestru tat-18 u tal-20 ta' Settembru 1952;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Ottubru 1959,

li biha rrespinġiet l-istanza; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Il-kuntratt ta' noleġġ imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni hu pruvat per mezz tad-dokument fuq riferit, prodott mal-istess att taċ-ċitazzjoni (fol. 5). Skond dak il-kuntratt, il-bastiment kellu jkun lest għall-karikazzjoni fil-port ta' Trieste "entro il 4 ottobre 1952";

Skond il-liġi, jekk il-bastiment ma jkunx lest u ma jkunx fl-istat li jġħabbi l-merkanzija fiż-żmien miftiehem, in-noleġġjant iwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet lejn in-noleġġjatur (art. 380, Kodiċi tal-Kummerċ);

Il-konvenut nomine, però jallega li l-armaturi ma setgħux jeżegwixxu l-kuntratt fiż-żmien stipulat minħabba forza maġġuri, u kwindi ma jirrispondux għad-danni li l-attur nomine seta' sofra, jekk fil-fatt sofrihom;

L-attur nomine jippretendi li n-noleġġjant aġixxa in mala fede (fol. 160);

Tikkunsidra fuq dan il-punt;

Meta, fit-18 ta' Settembru 1952, ġie firmat l-imsemmi kuntratt ta' noleġġ, il-"Falcodoro" kien ġa ilu tliet xhur fil-"Cantiere Navale Cassaro" ta' Messina għal xogħolijiet ta' riklassifika, u kontemporaneament għat-trasformazzjoni tas-sistema ta' kombustjoni minn solida ("carbon fossile") għal likwida ("nafta"). Kienu ġew inkarigati l-inġinier navali Vincenzo Cassaro u ħuh Commendatore Guglielmo, u, speċifikatament għall-apparekkjatura għat-trasformazzjoni tas-sistema ta' kombustjoni, kien qiegħed jipprovdi Luciano Arena, ħaddiem speċjalizzat tad-ditta "Floris & Co." ta' Genova (depożizzjonijiet ta' Ignazio Caruso, Luciano Arena, Guglielmo u Vittorio Cassaro);

Id-direttur tekniku tas"Società di Navigazione Katana" ta' Katanja ta' liema soċjetà hu l-bastiment fuq imsemmi, xehed illi, fuq rikjesta speċjali tiegħu stess, ġie assikurat, qabel ma għamel il-kuntratt tan-noleġġ, mill-

kap tekniku tal-"Cantiere Cassaro", illi kienu spiċċaw ix-xogħolijiet ta' riklassifika, u li dawk relattivi għas-sistema ta' kombustjoni jkunu żgur lesti sal-25 ta' Settembru. Din l-assikurazzjoni tirriżulta biss mix-xhieda tal-imsemmi direttur tekniku tal-"Katana" (fol. 44); imma ma hemm xejn li jikkontradiċiha;

Allura, kif kompla jixhed l-imsemmi direttur tekniku tal-"Katana", hu għamel il-pratiki biex fis-26 ta' Settembru jiġi effettwat il-"Collaudo" da parti tar-"Registro Navale Italiano";

Ix-xhieda Ignazio Caruso, Guglielmo Cassaro u Vittorio Cassaro, xehdu li x-xogħolijiet tat-trasformazzjoni fas-sistema ta' kombustjoni ġew fil-fatt ultimati sal-25 ta' Settembru; iżda l-għada, jum stabbilit għall-"collaudo", dan ma setgħax isir, għar-raġuni li, meta r-rappreżentanti tar-"Registro Navale Italiano" waslu fil-kantier, il-ħaddiem Arena ma nstabx, u ntant il-preżenza tiegħu kienet indispensabbli sabiex ikun jista' jsir il-"collaudo";

Ignazio Caruso xehed ukoll li fittex f'Messina lil Arena u ma sabux; u allura ttelegrafa lid-ditta "Floris & Co." biex jirrendiha responsabbli għan-nuqqas tal-"collaudo" fl-imsemmija ġurnata minħabba l-iskomparsa ta' dak il-ħaddiem, u wara xi ġurnata dik id-ditta nfurmatu li l-ħaddiem kien telaq lejn Genova fil-25 ta' Settembru mingħajr ma avża lil ħadd. Allura hu ħa l-ħsieb biex jibgħat Messina tekniku navali minn Trieste, l-inġinier Attilio Butazzoni, u dan wasal Messina fit-30 ta' Settembru, u f'dan il-jum sar l-eżami tal-bastiment; saret l-approvazzjoni tiegħu, u sar ukoll il-"collaudo"; imma l-bastiment ma telaqx għal Trieste qabel il-5 ta' Ottubru, għaliex fil-provi fuq il-baħar irrivelaw ruħhom xi inkonvenjenti fil-kombustjoni, u, non ostante li l-bastiment telaq minn Messina fil-5 ta' Ottubru, wasal Trieste fil-11 ta' dak ix-xahar, billi waqt in-navigazzjoni vverifikaw ruħhom xi avariji li ġew riparati fil-"Cantiere Polgarez" ta' Trieste;

L-imsemmi Arena kkonferma, fix-xhieda tiegħu li telaq minn Messina mingħajr ma avża lil ħadd minħabba

attakk ta' appendiċite, billi deherlu li x-xogħolijiet kienu lesti, u skond il-ġudizzju tiegħu ma kienx hemm bżonn il-preżenza tiegħu għall-"collaudo";

Però, Guglielmo Cassaro xehed li meta, fit-30 ta' Settembru, ġie eżaminat il-bastiment, il-"collaudo" ma sarx għaliex ivverikaw ruħhom xi difetti fil-kombustjoni; u l-inġinier Butazzoni xehed li hu eżamina l-bastiment fid-29 u fit-30 ta' Settembru, u sab li x-xogħolijiet ma kienux lesti għal kollox; il-"caldaia" kienet mitfija, u bosta xogħolijiet kienu għadhom "in corso", però fit-tarf tagħhom, jiġifieri setgħu jitlestew f'xi ġurnata ("in qualche giorno"). Mbgħad hu reġa eżamina l-bastiment fi Trieste fil-11 ta' Ottubru, billi ġie nkarigat jirrimedja għall-inkonvenjenti li tfaċċaw waqt il-vjaġġ minn Messina għal Trieste, u sab li kien hemm insuffiċjenti pre-riskaldament tan-nafta, porzjoni żbaljata tal-"Cassa osservazione vapore scarico", u nuqqas ta' iżolazzjoni għat-tubazzjonijiet tal-bastiment. Ordna li jsiru x-xogħolijiet neċessarji, u dawn tlestew fil-5.30 ta' wara nofsinhar tal-14 ta' Ottubru, barra mil-faxxatura eżulanti mit-tubi, li ma saretx minħabba l-urġenza, billi l-bastiment kellu jsiefer, kif fil-fatt siefer, dik il-lejla stess;

Mid-dokumenti li ġew prodotti waqt it-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta wkoll illi wara t-telegramm tas-soċjetà "Katana" lid-ditta "Silvio Mifsud", li kienet qegħdha tirrappreżentaha f'Malta, fis-sens li dik is-soċjetà kienet tipprevedi li l-"Falcodoro" jikkarika l-bhejjem bejn l-ewwel u l-ħamsa ta' Ottubru, id-ditta Mifsud, fit-30 ta' Settembru, ittelegrafatilha u talbitha biex tittelegrafa bl-akbar urġenza l-*"posizione attuale"* tal-*"Falcodoro" u d-data tal-imbark*, u avżatha li l-bhejjem ikunu lesti fi Trieste għall-imbark fl-4 ta' Ottubru. Fl-ewwel ta' Ottubru "Katana" rrispondietha telegrafikament u, fost ħwejjeġ oħra li ma jinteressawx lil din il-kawża, qaltilha' "nave accenderebbe oggi partendo domani salvo impreviste giungerebbe Trieste 5 corrente". Fl-istess ġurnata l-istess "Katana" ttelegrafat lid-ditta Mifsud f'dan is-sens:— "Falcodoro difficoltà sopravvenute appuntamento accensione ritarderà arrivo telegrafateci se cancellamento". Għal liema telegramm id-ditta Mifsud irrispondiet b'telegramm fl-istess ġurnata, fejn

qalet "noleggiatori Falcodoro rifiutano cancellare anzi insistono esecuzione viaggio base contratto noleggio perchè bestiame definitivamente pronto Trieste 4 ottobre raccomandiamovi massima sollecitudine caricazione perchè spese sosta bestiame Trieste rilevantissime";

Fit-2 ta' Ottubru "Katana" ttelegrafat lid-ditta Mifsud "Falcodoro acceso iersera partirà probabilmente stanotte domattina giungendo cinque corrente tempo permettendo";

Fl-4 ta' Ottubru, l-istess "Katana" ttelegrafat lill-istess ditta Mifsud "Falcodoro acceso ma da tre giorni cercano causa cattivo tiraggio pertanto sofriamoci sollecitare partenza comunque imprevedibile". Id-ditta Mifsud irrispondiet telegrafikament fl-istess ġurnata f'dan is-sens:— "Vostro odierno noleggiatori protestano ritardo rendonvi responsabili danni e spese sosta bestiame ammontanti circa cento sterline ogni giorno frattanto telegrafateci urgentissimo oggi stesso previsione giorno partenza regolarci". Fl-istess telegramm l-istess ditta Mifsud informat lill-"Katana" li bastiment ieħor tal-isem "Scoiattolo" tal-istess soċjetà kien mistenni f'Malta t-Tnejn ta' wara, u talbitha tittelegrafalha l-isem tal-post ulterjuri";

L-għada, 5 ta' Ottubru, id-ditta "Katana" ttelegrafatilha fis-sens li rrespinġiet il-protesta tan-noleġġjaturi, għar-raġuni li l-fatti tar-ritard ma kienux dipendenti mill-volontà tagħha, imma minn forza maġġuri u għaliex "comunque" l-istess noleġġjaturi kienu rrespinġew il-proposta tagħha li jħassru l-kuntratt, u qalet li tispera li l-bastiment isiefer l-għada. Id-ditta Mifsud irrispondietha telegrafikament, u talbet li tiġi nfurmata telegrafikament bl-urġenza immedjata kif il-"Folcodoro" jsiefer, u fl-istess ħin infurmatha li li-"Scoiottolo" kien wasal;

Fis-6 ta' Ottubru, "Katana" ttelegrafat lid-ditta Mifsud fis-sens li l-eżitu riferibbilment għall-"Falcodoro" kien inċert: u biex jiġu evitati sorpriżi pproponiet li jiġi sostitwit li-"Scoiattolo". Dak inhar stess id-ditta Mifsud irrispondiet telegrafikament fis-sens li li-"Scoiattolo" kien inadegwat, u per konsegwenza n-noleġġjaturi rrifjutaw is-

sostituzzjoni, u kienu sejrin l-għada jottjenu mandat ta' impediment ta' partenza kontra li-"Scoiattolo" biex jissekwestraħ in kawtela tal-pretensjoni tagħhom għad-danni fis-somma ta' ċirka £1200. Fl-istess ġurnata, "Katana" ttelegrafat li l-għada l-"Falcodoro" jkun lest għall-partenza, sabiex in-noleġġjaturi jiġu nfurmati b'dan, u jiġu notifikati li l-"Katana" tipprotesta kontra d-deċiżjoni tagħhom li jissekwestraw li-"Scoiattolo", u li tirreklama d-danni. billi r-ritard kien indipendenti mill-volontà tagħha;

L-għada, id-ditta Mifsud ittelegrafat lill-"Katana" biex titlobha tittelegrafalha jekk il-"Falcodoro" kienx telaq. u f'każ affermattiv x'ħin kien telaq, biex jirrassikuraw lin-noleġġjaturi u jġiegħeluhom jiddeżistu mid-deċiżjoni tagħhom li jitolbu s-sekwestru ta' li-"Scoiattolo"; u fl-istess ġurnata "Katana" ttelegrafat li tispera li l-"Falcodoro" jitlaq dakinhar bil-lejl. Fl-istess ġurnata (7 ta' Ottubru) ittelegrafat li l-"Falcodoro" kien telaq minn Messina. Wara erbgħa tijiem, u preċiżament fil-11 ta' Ottubru, id-ditta Mifsud ittelegrafat lill-"Katana" biex tinfurmaha li l-karikaturi fi Trieste, kienu nfurmawha li l-"Falcodoro" ma kienx wasal Trieste. L-għada, 12 ta Ottubru, 'Katana' ttelegrafat f'dan is-sens:— "Falcodoro causa forte bora giunto Trieste";

Mill-provi, kwindi, jirriżulta li r-ritard kien dovut għall-fatt li fid-29 ta' Settembru, meta wasal l-inġinier Butazzoni f'Messina, ix-xogħolijiet ma kienux lesti għal kollox, sebbene kienu fit-tarf tagħhom u ma kienx jonqos ħlief xi ħaġa żgħira — "Erano in corso", xehed l-imsemmi Butazzoni, "sebbene sul finire, e cioè ultimabili in qualche giorno" — u għaliex mbgħad instabu xi difetti fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet, u għalhekk il-"collaudo" ma setgħax isir qabel is-7 ta' Ottubru, u kwindi qabel din id-data l-bastiment ma setgħax isiefer; u għaliex mbgħad, fil-perkors minn Messina għal Trieste immanifestaw ruħhom difetti oħra li minħabba fihom il-bastiment sofra ritard fil-vjaġġ, u ma setgħax jikkarika immedjatament u jitlaq lejn Malta, billi kellu jistenna sakemm dawk id-difetti jiġu riparati. u, billi r-riparazzjonijiet tlestew fl-14 ta' Ottubru, telaq minn Trieste għal Malta dak inhar;

Kieku x-xogħolijiet kienu lesti meta, fid-29 ta' Settembru wasal Butazzoni f'Messina, jew almenu, meta tlestew, kienu saru sewwa, kieku l-"collaudo" kien isir, u l-bastiment kien jitlaq lejn Trieste fi żmien biżżejjed biex jasal f'dak il-port, jikkarika, u jitlaq lejn Malta sal-5 ta' Ottubru, jum fissat fil-kuntratt tan-noleġġ. Kien ikun hemm żmien biżżejjed avvolja x-xogħol ma kienx lest għal kollox fid-29 ta' Settembru, billi, kif ġa ġie rilevat, ma kienx jonqos ħlief xi ġurnata xogħol, kieku x-xogħol sar sewwa u ma mmanifestawx ruħhom id-difetti fuq rikordati qabel il-partenza tal-bastiment minn Messina, u mbgħad waqt il-vjaġġ minn dak il-port għal Trieste;

Ir-ritard, kwindi, mhux attribwibbli għal frode, u lanqas għal ħtija tan-noleġġjant, imma għal każ fortuwitu jew forza maġġuri, li fil-lingwaġġ tal-liġi huma espressjonijiet sinonimi; u f'dan il-każ tiċċessa l-imputabbilità, kif tgħid l-istess liġi meta tiddisponi illi kull ħsara li tiġri b'aċċident jew forza maġġuri jbatiha dak li fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara (art. 1072 Kodiċi Ċivili);

Hija ħaġa nota li l-każi fortuwiti jew ta' forza maġġuri huma distribwibbli f'żewġ kategoriji: dawk li għandhom il-karattru ta' aċċidenti naturali, li fihom ċertament ma jidħolx il-każ preżenti, u dawk li jikkostitwixxu l-fatt tal-bniedem, li fihom jidħol il-każ preżenti, billi fihom tidħol anki l-kolpa ta' terza persuna li tirrendi mpossibbli l-adempiment tal-obligazzjoni, meta, bħal fil-każ in eżami, id-debitur ma jkunx responsabbli għall-atti ta' dik il-persuna, jekk wieħed irid jara kolpa f'min eżegwixxa x-xogħol bil-fatt li dawn ma ġewx eżegwiti biżżejjed sewwa, u għal-hekk żviluppaw ruħhom dawk id-difetti fuq riferiti li ġegħlu jirritardaw il-partenza tal-"Falcodoro" u l-vjaġġ tiegħu minn Messina għal Trieste, u ġegħluh jistenna f'dak il-port; għall-atti ta' liema ħaddiema ċertament in-noleġġjant mhux responsabbli, u lanqas ma tista' tiġi lilu rimproverata xi ħtija fl-għażla ta' dak lil min avda l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet, per eżempju, li qabbad lil min mhux ta' ħila, jew li ma kellux raġuni jaħseb li hu ta' ħila; u dan kieku kellu wieħed, biex ikun ħa kollox in konsiderazzjoni, jirritjeni applikabbli għall-każ din ix-xorta ta' ħtija;

Id-debitur jillibera ruħu mir-responsabbiltà jekk juri illi l-inadempiment idderiva minn kawża estranea mhux imputabbli lilu; u din hi kwistjoni ta' fatt. Jista' jagħti l-każ fortuwitu mingħajr ma tiċċessa miegħu ġuridikament ir-responsabbiltà tad-debitur; l-għaliex, inveru, biex ikun hemm każ fortuwitu li jiddispensa lid-debitur mill-ħlas tad-danni, jeħtieġ li d-debitur ikun ġie mpedut mill-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni tiegħu, jiġifieri poġġut fl-impossibbiltà li jadempiha; u għalhekk, jekk non ostanti l-każ fortuwitu hu jkun jista' jadempixxi l-obligazzjoni, hu jirrispondi; għaliex ġuridikament ma jkunx hemm każ ta' forza maġġuri jekk l-ostakolu għall-eżekuzzjoni, anki jekk ikollu fih innifsu karattru ta' każ fortuwitu, ikun ġie kaġunat minn kolpa tad-debtur qabel, fil-waqt, jew wara l-event, per eżempju, jekk ikun in mora fil-mument meta jivverifika ruħu l-każ fortuwitu;

Iżda xejn minn dan kollu ma ġara fil-każ preżenti. Innoleġġjant afda x-xogħolijiet lil min ma kellux motiv li jaħseb li ma jeżegwihomx sewwa; meta għamel il-kuntratt kellu l-assikurazzjoni li x-xogħolijiet ikunu lesti fil-25 ta' Settembru (fol. 44), u allura kien ikun hemm żmien biżżejjed biex il-bastiment imur Trieste, jgħabbi, u jitlaq għal Malta fiż-żmien stipulat. Del resto, ix-xogħol fil-fatt kien lest fid-29 ta' Settembru. Ma kienx jonqos ħlief ħaġa żgħira. Ix-xogħolijiet kienu ultimabbli "in qualche giorno", xehed Butazzoni; u kieku l-ħaddiem Arena ma telaqx, kienu jkunu lesti qabel. Imma anki kieku ma kienux lesti qabel, u tlestew, kif ġara, fit-30 ta' Settembru, kien ikun hemm żmien biżżejjed biex il-bastiment jasal Trieste, jgħabbi, u jitlaq għal Malta sal-5 ta' Ottubru, kieku x-xogħol sar sewwa, u l-"collaudo" allura jkun jista' jsir, u ma kienux jiġu riskontrati d-difetti fuq rikordati fil-vjaġġ minn Messina għal Trieste li żammew il-bastiment għal ġranet f'dak il-port biex jissewwew — difetti li tal-volta jistgħu ikunu konsegwenza tax-xogħol tal-ħaddiema, li għalihom id-ditta "Katana", kif intqal, mhix responsabbli;

Sal-ewwel ta' Ottubru. "Katana" kienet raġjonevol-

ment tistenna li l-bastiment jasal fi Trieste fil-5 ta' Ottubru (138). Dak inhar stess urew ruħhom id-difetti fix-xogħolijiet, u dak inhar stess ittelegrafat biex tinforma lin-noleġġjaturi b'dawk id-diffikultajiet sopravvenuti, u staqsiethom jekk iridux għalhekk, jikkanċellaw il-kuntratt (140) u irrispondew li ma riedux (141); u allura fit-12 ta' Ottubru "Katana" ttelegrafat li l-bastiment jitlaq l-għada; u fil-fatt kien jitlaq, kieku ma wrewx ruħhom id-difetti oħra; u meta saret taf li kien hemm disponibbli f'Malta li-"Scoiattolo", offriet dan il-bastiment (148). Għamlet minn kollox biex tissolleċita l-aħħar xogħolijiet, u wriet l-akbar interessament biex il-bastiment jitlaq għal Trieste mill-aktar fis. Xehed a propożitu Guglielmo Cassaro:— "La società Katana, da parte sua, fece di tutto per sollecitare gli ultimi lavori di riparazione, che vennero effettuati anche in ore notturne, e le operazioni di collaudo definitive, dimostrando con ciò il massimo intressamento per una sollecita partenza della nave" (fol. 76 tergo);

Kif jirriżulta wkoll mill-verbali in data 21 ta' Ottubru 1958 (fol. 160), l-attur nomine jara mala fede fis-soċjetà "Katana" konvenuta f'dak li jirriżulta mit-telegrammi fil-fol. 157, 158 u 159. It-telegramm fil-fol. 157 juri li l-"Katana" infurmat lid-ditta Mifsud li l-"Falcodoro" telaq għal Trieste f'nofsinhar tas-7 ta' Ottubru; u fil-fatt, kif jirriżulta mid-dokument fil-fol. 127 (ċertifikat tal-"Capitaneria di Porto" ta' Messina), il-bastiment telaq minn Messina fis-7 ta' Ottubru. It-telegramm fil-fol. 158 juri li fil-11 ta' Ottubru n-noleġġjaturi kellhom l-informazzjoni minn għand il-karikaturi fi Trieste li l-bastiment kien għadu ma wasalx Trieste; u tabilħaqq jirriżulta li wasal dak inhar, jiġifieri fil-11 ta' Ottubru (ċertifikat tal-"Capitaneria di Porto" ta' Trieste fol. 128). U t-telegramm fil-fol. 159 juri li fit-12 ta' Ottubru d-ditta "Katana" nfurmat lid-ditta Mifsud, b'risposta għat-telegramm ta' din, li l-karikaturi fi Trieste, fil-11 ta' Ottubru, kienu taw l-imsemmija nformazzjoni li l-bastiment kien wasal fi Trieste, u evidentement li wasal tard "causa cattiva bora". Jista' jkun li ma wasalx b'dak ir-ritard minħabba dak ir-rieħ, għalkemm lanqas ma jista' jiġi eskluż li kien hemm dak ir-rieħ u li kkontribwixxa għar-ritard, imma żgur li ma jirriżultax li r-ritard kien

dovut għal xi fatt tal-"Katana", billi jirriżulta illi waqt in-navigazzjoni vverifikaw ruħhom avarìji oħra (dep. ta' Ignazio Caruso fol. 46 u ta' Butazzoni ġa fuq ċitata), li għalihom l-istess "Katana" ma kienetx responsabbli. Mill-kontenut ta' dawk it-telegrammi ma toħroġ l-ebda prova ta' frode kontra d-ditta "Katania";

Rat fol. 176 in-nota tal-appell tal-attur nomine, u fol. 177 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u d-domandi attriċi akkolti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti li minnhom oriġinat din il-kawża jirriżultaw "supra" mill-parti reċitattiva tas-sentenza appellata;

L-Ewwel Qorti rriteniet li r-ritard tal-bastiment ma kienx addebitabbli għall-ħtija tal-konvenut noleġġjant, imma għal każ fortuwitu jew forza maġġuri; u per konsegwenza rrespinġiet l-istanza. Dan il-każ fortuwitu ossija forza maġġuri ġew magħmula jikkonsistu fil-fatt li x-xogħolijiet li kienu qegħdin isiru fil-bastiment fil-"Cantiere Navale Cassaro" ta' Messina ma tlestewx fiż-żmien stipulat bejn il-konvenut noleġġjant u l-"Cantiere", iżda tlestew wara, u anki fil-fatt li kien hemm xi difetti fix-xogħoljiet li saru;

Jista' jingħad li l-onere tal-prova tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri hu mixħut fuq il-konvenut noleġġjant, in bażi għall-massima "allegans casum fortuitum illum probare tenetur' (ara Giorgi, Teor. Vol. II, para. 12, p. 22, u awturi minnu ċitati);

Din il-Qorti, bir-rispett kollu għall-Ewwel Qorti, ma taqbelx mal-konklużjoni raġġunta in prim'istanza; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. L-impossibbiltà li għandha l-effett liberatorju "in

subjecta materia" ma hix, per regola, dik relattiva, ossija subbjettiva, imma dik assoluta (ara Fadda, Gpza. sul Cod. Civ. art. 1226, para. 537 u 538, paġ. 389 — l-art. 1226 tal-Kod. Ċiv. Taljan hu simili għal dak tal-Kod. Ċivili Malti, 1177). Dan il-prinċipju ġie affermat ukoll mill-ġurisprudenza maltija (Kollez. Vol. XXIV-I-379): Il-konvenut noleġġjant għoġbu jassumi l-obligazzjoni "de qua" meta fil-fatt il-bastiment ma kienx għadu lest għalbiex jista' jiġi mpenjat, u l-impossibbiltà li vverifikat ruħha wara kienet effett ta' din iċ-ċirkustanza interament subbjettiva mill-parti tan-noleġġjant, u mhux ta' ċirkustanza obbjettiva u assoluta, bħal ma hu "strike", jew rekwiżizzjoni tal-bastiment;

2. Anki jekk il-każ fortuwitu allegat mill-konvenut biex jiskuża l-inadempjenza tiegħu jitqies dak li dottrinalment jissejjaħ "fatto del terzo", per regola, il fatt tat-terz jista' jkun ta' effikaċja liberatorja bħala forza maġġuri meta t-terz ma jkollu ebda relazzjoni mad-debitur tal-obligazzjoni. Hekk, per eżempju, il-każ ta' serq tal-ħaġa li kellha tiġi prestata mid-debitur (Fadda, idem para. 232, p. 369). F'dan il-każ, il-konvenut noleġġjant kellu relazzjonijiet mal-"Cantiere" li kienu vitali għall-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni tiegħu. Jingħad sewwa fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' Catania, riportata fil-Fadda, loc. ċit., para. 190-191:— "Non cessa di essere imputabile la causa dell'inadempimento solo perchè essa in origine consiste nel fatto del terzo . . . Il debitore deve rispondere del fatto colposo delle persone della cui opera si sia valso per adempiere la prestazione cui era obbligato". La darba l-konvenut noleġġjant għażel li jassumi l-obligazzjoni għad li l-bastiment kien għadu jissewwa, għalhekk ma jistax jingħad li dak li ġara kien indipendenti mill-fatt tiegħu; u la ma kienx, dan hu appuntu wieħed mill-każijiet li fihom il-fatt tat-terz ma għandux effikaċja liberatorja (Giorgi, loc. ċit., p. 23, para. 12 in med.);

3. Dan jingħad kieku wieħed jgħid li kien hemm il-fatt tat-terz. Iżda proprjament, jekk wieħed japprofondixxi l-każ, għandu jsib li lanqas kien hemm il-fatt tat-terz. Infatti, meta fit-18 ta' Settembru 1952 ġie ffirmat il-

kuntratt tan-noleġġ, il-bastiment kien ġa ilu tliet xhur fil-"Cantiere" għax-xogħolijiet ta' riklassifika u ta' trasformazzjoni tas-sistema ta' kombustjoni. Għalhekk, meta l-konvenut noleġġjant assuma l-obligu li jkollu l-bastiment lest għall-karikazzjoni fil-port ta' Trieste "entro il 5 ottobre 1952", hu kien jaf ben tajjeb li l-assunzjoni ta' dak l-obligu kienet dipendenti mill-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet mil-"Cantiere" fiż-żmien stipulat, u ntant assuma dak l-obligu. Dan ifisser loġikament li l-assunzjoni ta' dak l-obligu mill-parti tal-konvenut noleġġjant kienet timporta anki l-obligu li x-xogħolijiet ikunu lesti fil-ħin. Il-konvenut noleġġjant ma għamel ebda "clausola di esonero". Għalhekk, meta hu assuma li l-bastiment ikun Trieste fiż-żmien fuq indikat hu tabilfors kien qed jassumi l-obligu li t-tiswijiet u x-xogħolijiet l-oħra jkunu lesti a tempo; altrimenti, l-obligu li l-bastiment ikun Trieste fiż-żmien fuq indikat ma kienx ikollu ebda sens. Dan kollu jfisser li verament u proprjament il-konvenut kien qiegħed iwiegħed il-fatt tiegħu, u mhux il-fatt ta' terz, għax assuma obligu li tabilfors kien jikkomprendi l-ieħor ukoll. U, kif jgħid tajjeb il-Laurent, Vol. XVI, p. 248, para. 262, "se il debitore è responsabile del fatto del terzo, non può certamente invocarlo come caso fortuito". Il-konvenut qiegħed ruħu xjentement u volontarjament f'dik il-pożizzjoni; u "il 'casus' o la 'vis major' rendono irresponsabile della inesecuzione del contratto solo quando l'obbligato non si sia volontariamente posto nella condizione di soggiacere alla loro influenza" (Fadda, loc. ċit., para. 146; ara wkoll para. 160-164). Il-verità hi li l-konvenut noleġġjant assuma obligazzjoni li, minħabba li l-bastiment ma kienx lest, setgħet kienet u fil-fatt kienet, superjuri għall-forzi tiegħu (idem para. 151);

4. Hu komunement riċevut li l-fortuwitu bħala fatt liberatorju, għandu jkun fatt sopraġġunt — "il sopravvenuto fortuito", jgħid il-Giorgi, idem paġ. 145. U "l'impossibiltà di eseguire l'obbligazione deve avere causa in un ostacolo posteriore al perfezionamento del contratto, e non coevo o pre-esistente al medesimo" (Fadda idem. 533). Issa, f'dan il-każ, il-fatt ma kienx sopraġġunt, għaliex kien prevedibbli, u faċilment prevedibbli, fil-waqt tal-kuntratt

tan-noleġġ. L-inadempjenza ta' obligazzjoni kontrattwali hi ħaġa ta' spiss fil-kummerċ, u li xejn affattu ma tissupera "la prevedibile alea commerciale" — Kollez. Vol. XXIX-II-15. Żgur li ma jistax jingħad li r-ritard fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet kien "fortuitus casus" li, fil-kliem tad-Dritt Ruman, "nullo humano judicio praevideri potest", jew "nullum humanum consilium praevidere potest." L-imprevedibbilità hi ta' essenza għall-każ fortuwitu (Giorgi, *loc. ċit., p.* 10; u Fadda, loc., ċit., para. 117). Għalhekk ma jistax ikun fatt ammontanti għal każ fortuwitu dak li kien ġa potenzjalment jeżisti fil-mument tal-istipulazzjoni tal-kuntratt tan-noleġġ, u li kien faċilment prevedibbli li jista' jiġri;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma humiex pruvati, u japplika għalhekk l-art. 380 Kap. 17 Ediz. Riv., li bis-saħħa tiegħu, jekk il-bastiment ma jkunx lest biex jgħabbi l-merkanzija fiż-żmien miftiehem, in-noleġġjant iwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet lejn in-noleġġjatur;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-attur nomine, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' d-domandi attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine.